# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta ta' l-20 ta' April, 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**Marvin Farrugia**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, **Marvin Farrugia** bin Lawrence u Mary Rose neè Dingli, imwieled nhar l-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u tnejn u tmenin (1982), detentur tal-karta tal-identità numru 0622382(M), u joqghod 1, F/H, Triq l-Imdina, Qormi:

Talli nhar il-5 ta' Marzu 2021 kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà provizorja impost mill-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Dott. C. Stafrace Zammit LL.D., f'dan li ma baqax residenti fejn gie stabbilit f'dan id-digriet u iktar talli abbanduna l-programm hekk kif kien ukoll gie stabbilit f'dan l-istess digriet li kien inhareg fil-21 ta' Dicembru 2020, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-Artikolu 579 (2) tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti ntalbet li f'kaz ta' htija tirevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Marvin Farrugia u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi Imputat kif ukoll

tordna li s-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2). (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-digriet u kundizzjonijiet ghall-Helsien mill-Arrest (a fol 4 tal-process).

Semghet lix-xhieda Marianne Zammit (Probation Officer), Maria Caruana (rapprezentant legali tal-Caritas) u George Falzon.

L-Imputat ma xehedx.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiza jittrattaw il-kaz.

IKKUNSIDRAT:

Fix-xiehda guramentata taghha l-Probation Officer Marianne Zammit qalet li hija kienet ilha ssegwi lill-Imputat mill-25 ta' Lulju 2020 meta l-Imputat kien inhariglu probation order ghal perjodu ta' sentejn mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke. Minhabba l-problema tal-pandemija ghall-ewwel kien hemm problema biex hi u l-Imputat jiltaqghu. Meta mbaghad iltaqghet mieghu fix-xahar ta' Settembru 2020 kien imbikkem. Intalab igibilha kampjuni ghal urine testing kull gimgha izda bejn Settembru u Novembru ma tahiex urine clean. Kien gja beda jattendi counselling il-Caritas u x-xhud heggitu biex jaghmel programm. Sadannittant inqalghet problem mal-genituri tieghu. Qalet li meta kien ikun taht l-effett tal-kokaina kien isir aggressiv u jispicca jargumenta mal-genituri tieghu. Ix-xhud qalet li bhala treatment plan kien deher li kien importanti li jidhol jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni. Izda minhabba c-cirkostanzi li nqalghu mexxew il-process biex imur f'shelter. Hija qalet li ghad irid jinhatar psikjatra bi specjalizzazzjoni fuq drogi. Hija kellmet lill-Imputat gimgha qabel tat din ix-xhieda, l-Imputat "*diga kien qieghed juri li jrid jitlaq xelter*." Ix-xhud qalet li kien beda jaccetta l-hsieb li jidhol jaghmel programm f'shelter bhala alternattiva ghal prigunerija. Izda, x-xhud qalet ukoll li "*rridu naraw ukoll issa l-istate of mind tieghu*." Il-preokkupazzjoni taghha hu li bhalissa qieghed ghand persuna ohra u mhux ghand il-familja tieghu. Skont ix-xhud, l-Intimat ghandu bzonn ghajnuna ntensiva biex jindirizza l-problema tad-droga bhala treatment plan. In vista li kien inhareg protection order favur taghhom, l-Intimat ma jistax imur jirrisjedi ghandhom. Bhala alternattiva qraba kienu qed joffru shelter.

Maria Caruana, Caritas, xehdet li bhala kundizzjoni ghall-helsien mill-arrest, l-Intimat kien dahal fix-shelter fit-22 ta' Jannar wara li kien qatta' tliet

gimghat il-habs u xahar iehor id-DDU. Hija qalet li "*Fejn ohrajn jibdew joqghodu… hu ma kienx qed joqghod, pjuttost qed jirrigressa, ma bediex imur ahjar allura x'beda jigri? Qisna kellna buzzieqa nionfhu fiha u hu mhux jiehu, per ezempju beda jipprepara ruhu biex jidhol il-programm it-twil San Blas, beda l-meetigns, hemmhekk beda jhossu sfruttat, qed jitghallem xi haga li hu ma jridx.*" Hija ma setghetx twiegeb ghaliex ma riedx. Qalet li "*Mentalment hemm blockage li l-programm ma jridx jaghmlu.*" Hija qalet li kienet spjegatulu l-programm kif inhu fil-verità. Hija nfurmat lil din il-Qorti li prezentement qed joqghod ma' George Falzon, habib tal-familja peress li qieghed barra. Dan tal-ahhar qed josservah erbgha u ghoxrin (24) siegha u kien hu li hadu l-Caritas. Dan kien inqas minn gimgha mis-seduta. Huwa ha testijiet. Bla droga titkellem mieghu izda meta jiehu d-droga jkun aggressiv. Hija fissret li meta beda l-programm ghamlulu pjan ghalih li jibqa' residenti ghal sitt xhur ohra u l-Intimat hares lejn dan bhal qisu diehel ghal xi haga ta' ntrigu imma ma jridx. Dejjem ried programm ta' fil-ghaxija. Huwa jista' jaghmel il-programm ta' fil-ghaxija u peress li hareg qabel is-sitt gimghat ikun irid jaghmel tliet xhur darba fil-gimgha jmur ghand il-Caritas ghas-sessjonijiet u jhallihom kampjun tal-urina. Hija spjegat li f'dawk it-tliet xhur irid ikun hemm tnax-il clean urines. Skont ix-xhud, "*… meta tghid 'jidhol l-evening programme,' naghmluha cara mhux residenzjali jigifieri dan irid ikollu residenza fissa fejn joqghod. Darbtejn f'gimgha issa habba s-sitwazzjoni qed isiru online imma dan qieghed ta' darbtejn f'gimgha l-evening programme.*" Hija qalet li sarlu test izda r-rizultat kien ghadu ma waslilhiex minghand it-toxicology peress li jiehu mal-gimgha u nofs. Hija qalet li kienet taf lil George Falzon bhala bniedem ta' vera u mohhu hemm ghalkemm m'ghandux kwalifiki ghax-xoghol li kien qed jaghmel. Huwa izda habib tal-familja tal-Intimat u qed jaghmillu pjacir.

George Falzon xehed li l-Imputat jigi mill-partner tieghu u ilu jsegwih kemm ilu bil-problemi. L-Imputat kien qed jirrisjedi mieghu wara li gie nfurmat li l-Imputat kien "*hareg, mort ghalih, gbartu mill-ewwel, mort nipprova niehdu lura … mort biex nipprova niehdu lura ghax jaf li zbalja u qalli: "Dahhalni, dahhalni, dahhalni," u mbaghad ghandhom procedura li ma setghux jaccettawh lura u mbaghad tellajtu d-Depot quddiem l-Ispettura u mbaghad hadt ir-responsabilita' li nzommu taht ghajnejja u jekk jinqala xi haga ncempel lill-Ispettura, imma ma nqala' xejn. Mieghi joqghod ta' nies, jobdi minni u joqghod ghal kollox li nghidlu jiena.*" Huwa xehed li kien ha lill-Imputat l-Outreach biex jaghmel it-test tal-urina u jkellmuh u hadu ghal vista ghand il-Psikjatra u qallu li kien sejjer tajjeb, ghalkemm hass li jkun ahjar li ghalissa ma jitnaqsulux il-medicini li kien qed jiehu. L-Imputat ghandu appuntament mal-Psikjatra fil-futur. Huwa qal li kien bihsiebu jiehu second

opinion u jibqa' jiehdu l-Outreach. Huwa kien se jibqa' jsegwih u jiehu lill-Imputat fejn ikun hemm bzonn. Ma kinitx problema li jibqa' jghix mieghu bil-patt li jekk jizbalja ma kienx se jahbilu.

IKKUNSIDRAT:

Din il-Qorti ezaminat ir-rikors tal-Intimat tat-18 ta' Marzu 2021 li permezz tieghu talab il-helsien mill-arrest fuq il-bazi li fil-proceduri pendenti li ghandu huwa ghandu jitqies bhala persuna innocenti u li George Falzon hu plegg tajjeb u l-Imputat jista' jabita fir-residenza tieghu. Fir-risposta tieghu l-Avukat Generali irrileva li f'din il-procedura odjerna huwa qieghed jigi imputat bi ksur ta' kundizzjoni tal-helsien mill-arrest permezz tad-digriet moghti mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit tal-21 ta' Dicembru 2020. L-Imputat ghandu problema kbira ta' dipendenza fuq id-droga (senjatament id-droga kokajina) u "*huwa kien ghazel li jitlaq mill-programm ta' rijabilitazzjoni fir-residenza ta' San Blas, u ghalhekk kien waqaf isegwi l-istess programm ghall-gid tieghu innifsu u ghall-gid tal-komunità, u dan wara li kien gie mwissi mill-istess residenza bil-konsegwenzi gjaladarba huwa jiddeciedi li jitlaq mill-programm ta' rijabilitazzjoni, b'liema kondizzjoni huwa kien marbut bid-digriet tal-helsien mill-arrest…*" L-Auvkat Generali rrileva wkoll li fil-konfront tieghu hemm ordni ta' protezzjoni sabiex ma javvicinax lill-genituri tieghu u lill-ohtu. Helsien mill-arrest ma jaghtix is-serhan tal-mohh mixtieq li huwa ma javvicinax lil dawn il-persuni u jikkommetti reat. Fil-fehma tal-Avukat Generali, peress li l-Intimat ghandu problema kbira ta' dipendenza fuq id-droga kokajina jkun opportun li huwa jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni billi huwa jkun residenti gewwa residenza fejn ikun jista' jsegwi tali programm. F'kaz li din il-Qorti tikkoncedi l-beneficju tal-helsien mill-arrest l-Avukat Generali talab lil din l-Onorabbli Qorti li tisma' lil George Falzon dwar il-possibilità li l-Intimat jirrisjedi mieghu. L-Avukat Generali oggezzjona ghat-talba tal-Imputat ghall-helsien mill-arrest.

IKKJUNSIDRAT:

M'huwiex ikkontestat li l-Imputat ghandu problema kbira ta' dipendenza fuq id-droga partikolarment id-droga kokajina li hija pprojbita mill-Ordinanza dwar il-Medici Perikoluzi (Kap. 101, tal-Ligijiet ta' Malta). Ma huwiex kontestat li hareg mill-programm ta' rijabilitazzjoni mpost fid-digriet ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta tal-21 ta' Dicembru 2020. Kien gie mwissi fid-digriet stess dwar il-konsegwenzi f'kaz li jekk ma jikkooperax mal-probation officer jew mal-ufficjali fi hdan il-Caritas jew jekk ma jibqax

residenti fil-lok stabbilit minn din il-Qorti jew li jabbanduna l-programm, **__id-digriet jigi automatikament bla effett u jerga' jigi arrestat__**.

Mid-depozizzjonijiet li taw kemm il-Probation Officer kif ukoll l-Ufficjal mill-Caritas, jirrizulta li l-Imputat ma kienx ikkoopera maghhom u lanqas qaghad ghall-ordnijiet li tawh (ma tax *urine clean*, wera sinjali li jrid jitlaq mix-shelter u ma riedx ir-residential programme). Il-Qorti taqbel ma' dak li rrileva l-Avukat Generali li l-programm ta' rijabilitazzjoni kien intenzjonat ghall-gid tieghu u tal-komunità. M'huwiex accettabbli li jkun l-Imputat innifsu li jiddeciedi jekk ghandux joqghod fi programm residenzzjali ta' sitt xhur jew izjed jew li jabbandunah ghax irid dak ta' fil-ghaxija. M'huwiex f'kundizzjoni li jaghmel dan. L-aggressività li saret referenza ghalih minn wahda mix-xiehda, giet fid-deher mill-fatt innifsu li huwa qabad u telaq mir-residenza ta' San Blas minn jheddu u mbaghad ghamel tentattiv biex jerga' jidhol izda ma thalliex. Hu apprezzat li habib tal-familja refghu minn xahru izda hu car daqs il-kristall li l-Imputat ghandu bzonn ta' hafna ghajnuna u din l-ghajnuna ma jistax jirciviha jekk ma tkunx professjonali u kontinwa minn professjonisti bhalma hu l-psikjatra li huwa qed ikellem.

Din l-Onorabbli Qorti tirrileva li hija ghandha quddiemha vera kopja ffirmata mid-Deputat Registratur tal-Qorti tad-digriet *de quo* izda f'dawn il-proceduri li huma ta' natura kriminali, ma ngiebx id-Deputat Registratur tal-Qorti koncernat sabiex jixhed u jipprezenta kopja legali tad-digriet de quo u bil-gurament tieghu jikkonferma d-digriet u l-kundizzjonijiet li hemm fih u li tali kundizzjonijiet ghadhom vigenti u jekk dawn humiex marbuta ma' proceduri ohra li ghadhom pendenti.

Il-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi tara li ma hemmx il-provi mehtiega dwar il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest ta' Marvin Farrugia.

Decide:

Ghal dawn il-motivi, wara li rat Artikoli 579 (2) u (3) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta), il-Qorti issib l-imputat mhux hati u tilliberah.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**